II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Novembru 2008

li temenda d-Deċiżjonijiet 2002/747/KE, 2003/31/KE, 2005/342/KE, 2005/344/KE u 2005/360/KE sabiex ittawwal il-validità tal-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja għal ċerti prodotti

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6941)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2008/889/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema riveduta tal-għoti tal-ekotikketta Komunitarja [1], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Bord għall-Ittikkettjar Ekoloġiku tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/747/KE tad-9 ta' Settembru 2002 li tistabbilixxi kriterji ekoloġiċi riveduti għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja għall-bozoz tal-elettriku u li temenda d-Deċiżjoni 1999/568/KE [2] tiskadi fit-28 ta' Frar 2009.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/31/KE tad-29 ta' Novembru 2002 li tistabbilixxi kriterji ekoloġiċi riveduti għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja għad-deterġenti tal-magni għall-ħasil tal-platti u li temenda d-Deċiżjoni 1999/427/KE [3] tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2008.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/342/KE tat-23 ta' Marzu 2005 li tistabbilixxi kriterji ekoloġiċi riveduti għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja għal deterġenti għall-ħasil tal-platti bl-idejn [*titlu mhux uffiċjali*] [4] tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2008.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/344/KE tat-23 ta' Marzu 2005 li tistabbilixxi kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja għall-prodotti tat-tindif in ġenerali u għall-prodotti tat-tindif tal-faċilitajiet sanitarji [5] [*titlu mhux uffiċjali*] tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2008.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/360/KE tas-26 ta' April 2005 li tistabbilixxi kriterji ekoloġiċi kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti tal-valutazzjoni u verifika għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja għal-lubrikanti [*titlu mhux uffiċjali*] [6] tiskadi fil-31 ta' Mejju 2009.

(6) B'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1980/2000, saret analiżi f'waqtha tal-kriterji ekoloġiċi, kif ukoll tar-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika, stabbiliti b'dawk id-Deċiżjonijiet.

[1] ĠU L 237, 21.9.2000, p. 1.
[2] ĠU L 242, 10.9.2002, p. 44.
[3] ĠU L 9, 15.1.2003, p. 11.
[4] ĠU L 115, 4.5.2005, p. 9.
[5] ĠU L 115, 4.5.2005, p. 42.
[6] ĠU L 118, 5.5.2005, p. 26.

(7) Minħabba l-istadji differenti tal-proċess ta' reviżjoni ta' dawn id-Deċiżjonijiet, huwa xieraq li l-perjodu ta' validità tal-kriterji ekoloġiċi u tar-rekwiżiti jittawwal b'perjodu ta' 24 xahar għad-Deċiżjonijiet 2003/31/KE, 2005/342/KE u 2005/344/KE, u b'perjodu ta' 14-il xahar għad-Deċiżjoni 2002/747/KE u għad-Deċiżjoni 2005/360/KE.

(8) Peress li l-obbligu ta' analiżi previst fir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jikkonċerna biss il-kriterji ekoloġiċi u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u verifika, huwa xieraq li d-Deċiżjonijiet 2002/747/KE, 2003/31/KE, 2005/342/KE, 2005/344/KE u 2005/360/KE jibqgħu fis-seħħ.

(9) Għalhekk, id-Deċiżjonijiet 2002/747/KE, 2003/31/KE, 2005/342/KE 2005/344/KE u 2005/360/KE għandhom jiġu emendati skond dan.

(10) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2002/747/KE qed jitbiddel b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tal-bozoz tal-elettriku, kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika, se jibqgħu validi sat-30 ta' April 2010."

Artikolu 2

L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2003/31/KE qed jitbiddel b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tad-'deterġenti għall-magni għall-ħasil tal-platti', kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika, se jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2010."

Artikolu 3

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2005/342/KE qed jitbiddel b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tad-'deterġenti għall-ħasil tal-platti bl-idejn', kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika, se jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2010."

Artikolu 4

L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2005/344/KE qed jitbiddel b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' 'prodotti tal-'prodotti tat-tindif in ġenerali u l-prodotti tat-tindif tal-faċilitajiet sanitarji', kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika, se jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2010."

Artikolu 5

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2005/360/KE qed jitbiddel b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti tal-'lubrikanti', kif ukoll ir-rekwiżiti korrispondenti ta' valutazzjoni u verifika, se jibqgħu validi sal-31 ta' Lulju 2010."

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 18 ta' Novembru 2008.

Għall-Kummissjoni

Stavros DIMAS

Membru tal-Kummissjoni